# Il-Kappella ta' Santa Katarina fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann

F'Settembru li għadda, ħalliena Mons. Pantaleone Orland, li kien ukoll Arċipriet tal-parroċċa mill-1963 sal-1978. Nafu kemm kien devot u allura jħobb lil Santa Katarina. L-imħabba u d-devozzjoni li kellu lejn Santa Katarina "ġarrhom" u wettaqhom ukoll, tul iż-żmein - sakemm saħħtu ppermettitlu - li kien Monsinjur tal-Katidral. Ta' kull sena qatt ma' naqas li f'jum il-festa liturġika f'ġieh Santa Katarina (25 ta' Novembru) kien jieħu ħsieb iżejjen bil-fjuri etc. l-artal iddedikat lilha fil-Kon. Katidral. (Ġieli tkellem miegħi fuq hekk, anki li kien ikun hemm xi monsinjur u joqgħod jinkih xi ftit ukoll!!!) U propju b'memorja ta' Mons. Orland, u fl-okkażjoni tal-festa titulari, ħsibt biex nagħtikom tagħrif dwar il-kappella tal-Lingwa Taljana - iddedikata lil Santa Katarina - li hemm fil-Konkatidral ta' San Ġwann. L-artal tal-kappella għandu żewġ statwi ta' rħam abjad pur, jirrappreżentaw lil Santa Katarina tal-Lixandra u lil Santa Ewfemja ta' Kalċedonja. Il-fdal ta' Santa Ewfemja kienu nġiebu Malta mill-Kavallieri, u nżammu fil-kappella ta' San Karlu, tal-Lingwa Anġlo/Bavarja sas-sena 1736, meta ġew trasportati għall-kappella preżenti. Qabilhom kienu żewġ statwi tal-ġebel, dawn illum jinsabu fil-knisja l-qadima ta' Sta. Katarina (Żejtun). Iż-żewġ statwi u ż-żewġ kolonni "jkennu" l-kwadru titulari, li hu wieħed mill-aqwa tal-Preti fi Gżiritna. Jippreżenta t-tieġ mistiku ta' Katarina ma' Ġesu. Il-kolonni u ż-żewġ statwi kienu rigal ta' Fra Roberto Solaro, Prijur ta' Lombardija. L-istema ta' dan il-Prijur hi skolpita fuq kull naħa ta' l-artal.




**Statwa Santa Katarina li tinstab fil-knisja ta' San Girgor li qabel kienet fil-Kappella ta' Santa Katarina fil-Konkatidral ta' San Ġwann.**

Ta' Preti wkoll huma il-lunetti li juru lil Santa Katarina tiddisputi mal-għorrief tal-Eġittu, u l-Martirju tal-qaddisa. Fra Ipollito Malaspena kien irregala l-kwadru, attribwit lill-iskola ta' Carreggio, li jirrapreżenta lil Maddalena. Michelangelo Merisi da Caravaggio, pitter dak ta' San Girolmu, li ftit taż-żmien ilu ġie restawrat. Rigward il-kwadri tal-lunetti, u dak tal-Maddalena u ta' San Ġirolmu, nrid ngħid li mħabba xogħol ta' restawr li qed isir fil-kappella ta' Santa Katarina, preżentament il-kwadri tneħħew, naturalment biex tkun evitata xi ħsara li forsi tista' ssirilhom, effett tax-xogħol. L-uniku monument li hemm f'din il-kappella ifakkar lil Gran Mastru Gregorio Garafa. Monument b'żewġ anġli skolpiti f'irħam iswed iżommu bust ta' Garafa. Kolonni ta' kuluri differenti jagħtu dehra barokka lill-monument. Wara l-bust hemm riljiev, li jippreżenta l-Battalja tad-Dardanelli, mirbuħa mill-famuż Ammiral Taljan. Kien il-kavallier Franġisk Sylos li bi flusu żejjen din il-kapella. Insemmi xi opri ta' preġju: salib tal-artal mogħti mill-Bali Crescimano li wkoll ta 4 gwarniċi bil-karti tal-glorja. Insibu żewġ brazzi tal-ħajt bl-arma tal-Lingwa Taljana, sitt gandlieri bl-armi tar-Reliġjon u tal-Bali Tancredi, bieba tat-tabernaklu u ventartal b'medaljun li fin-nofs kien juri il-martirju ta' Santa Katarina. Dawn l-opri huma tal-fidda. Ma' dawn inżidu l-ostensorju tal-fidda għamla ta' driegħ indurat u mżejjen b'ħaġar inżidu l-ostensorju tal-fidda għamla ta' driegħ indurat u mżejjen b'ħaġar prezzjuż b'figuri ta' qaddisin intersjati fuq bl-arma tal-Gran Mastru fra de Villanova. F'dan l-ostensorju kien hemm id Santa Katarina u tlett swabba, u parti minn driegħ ta' l-istess id. Il-kwadru tal-Madonna ta' Caraffa, li attwalment hu meqjum fil-kappella tas-Sagrament, għal xi żmien kien meqjum f'din il-kappella ta' Santa Katarina.

**Frans Zahra**